**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 1055/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jonathan Calleja**

**Illum 24 ta' April 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Jonathan Calleja** detenur tal-karta tal-identita Maltija **523884M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Naqas milli jivversa lill-parte civile, u cioè Samantha Bray, is-somma ta' hames mitt ewro (€ 500) fix-xahar, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax (15)-il jum minn dak il jum li fih skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, minn Marzu 2022 sa' Novembru 2022;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Novembru, 2024 fejn sabet lill-imputat qua appellanti hati tal-

imputazzjoni migjuba kontra tiegħu (Ref: 2/POL/5691/2022) u konsegwentement ikkundannatu għal xahrejn (2) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jonathan Calleja preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti it-2 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Thassar, tirrevoka u/jew tannulla s-sentenza appellata in kwantu l-appellanti nstab hati tal-akkuzi fil-konfront tiegħu u tilliberah minn kull imputazzjoni, u fil-kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija tal-istess appellanti, tvarja l-piena inflitta għal piena ohra anqas harxa skond il-Ligi fic-cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-appellanti jhossu aggravat u in kwantu jhoss illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali għaddiet ghad-decizjoni tieghu bhala rizultat ta' piena eccessiva anke in vista tal-provi li tressqu quddiemha, u b'hekk interpona dan 1-appell ai termini tal-Artikolu 413(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi primarjament, ghandu jinghad li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija wahda eccessiva u mhux proporzionata ghall-ghemil tal-appellanti;

Illi ghalhekk, l-appellanti qed jibbaza dan l-appell principalment fuq l-apprezzament zbaljat tal-provi li gie rifless fil-piena li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali, u cioè l-piena ta' xaharejn (2) detenzjoni;

Illi fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Tarquin Vella</u>** ta' nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), din il-Qorti rriteniet illi l-ġustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-dritt penali modern hija pernjata fuq tliet (3) prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet (3) effetti principali, jiġifieri l-effett :- (a) Retributtiv; (b) Preventiv; u (c) Riedukattiv jew Rijabilitattiv tal-Piena :-

> "*L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-hsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-hati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali;*
>
> *L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biza li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minhabba-l-biza-li-tehel il-piena, persuna tiġi mgeghela tixtarr sew il-konsegweret t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz. L-effett preventiv għalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerġa jahsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Ligi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biza mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-kat, allura ma jkun hemm xejn li jgiegħel lill-*

*kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza ghira, tstr konvenjeni ghall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikači meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il- kollass;*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-hati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jghin lill-hati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni hajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa. F'dan il- kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Iżda aktar minn hekk il-hati għandu jkollu dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imgieha tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis-soċjeta, billi jigi riedukat. imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawza b'egħmilu. F'dan is-sens allura 1- Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikačja repressiva."*

Illi l-appellanti jissottometti li dan l-appell sar sabiex dina l-Onorabbli Qorti tagħmel l-evalwazzjonijiet tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wiched jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha;

Illi fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et.,** deċiża nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar elfejn u disgha (2009) ġie mistqarr is-segwenti :-

> *"......... meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel gorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzionata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel gorti tkun nagset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel gorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor."*

Illi fid-dawl tal-estratt sopraċitat, ghandhom jigu zvelati numru ta' osservazzjonijiet importanti vis à vis il-kaz odjern. L-ewwel nett, l-appellanti jissottometti li fl-isfond huwa dejjem prova jonora l-obbligu tieghu u jhallas lill-parte civile I-manteniment ta' € 500 fix-xahar kif inhu mitlub. Ghandu jinghad ukoll li minkejja li f'certu xhur l-istess appellanti ma kienx puntwali fl-istess hlas ta' manteniment stante problemi ta' impjieg, huwa dejjem hadem u stinka kemm jiflah sabiex jivversa l-ammont dovut lill-istess parte civile. Illi izda tajjeb li dina l-Onorabbli Qorti tigi a konoxxenza tal- fatt li minkejja li l-parte civile kienet konxja tas-sitwazzjoni tal-appellanti, xorta wahda kienet tkun pronta u tmur tirrapportah lill-Pulizija. It-tieni nett, tajjeb li wiehed jagħmel referenza ghall-ftehim ta' pagamenti bejn il-kontendenti partijiet fix- xahar ghax-xahar prezenti u pagamenti li jkopru parti mill-arretrati. Illi kif taf ben tajjeb il-

parte civile, l-appellanti mhux talli qieghed jivversa l-ammont dovut ta' €500 kull xahar, izda qieghed jivversa wkoll €200 ohra lill-istess sabiex jkopri 1- arretrati ta' manteniment.

Illi apparti min hekk, fir-rigward tal-allegat bilanc dovut mill-appellanti ghall-parte civile, m'huwa veritieri xejn li l-bilanc huwa ta' € 7050, izda huwa ta' € 2,120, bilanc li l-istess appellanti qieghed jikkalkula li jhallas *in toto* lill-istess fix-xhur li gejjin.! Ghaldaqstant, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali m'ghamlitx il-verifiki taghha vis à vis il-veru ammont dovut u pendenti li l- appellanti ghandu jivversa lill-parte civile.

Illi fid-dawl ta' dak kollhu premess, l-appellanti jissottometti li jhossu preokkupat bil-fatt li persuna li qieghda tipprova tistabilixxi ruhha bil-kwiet u li tixtieq li tevita d-dell ikrah tal-Ligi tisfa vittma tas-sistema u tingħata piena ta' xaharejn (2) detenzjoni! Ghalhekk, tajjeb li wiehed jaghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Alfred Tanti** ta' nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena odjerna, u cioè tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024), fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet is- segwenti:-

> *Illi ghalkemm jekk wiehed thares lejn il-gurisprudenza jifhem li l-animu wara din is-sentenza ma kienx wieħed dagsekk ahrax, xorta waħda r-riżultanzi tal-istess ser iwasslu li l-appellanti jiġi kkundannat detenzjoni bil-konsegwenza li jitlef xoghlu. Dan ser iwassal f'kosegwenzi hafna iktar pregudizzjevoli fuq l-appellanti intortament.*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **II-Pulizija vs. Publius Said** deċiża fid-9 ta' Lulju, 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti intqal hekk:-

> "*I-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li*

*jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur talordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Azzopardi deċiża fis-26 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Imhallef Dr. David Scicluna) in vista ta' dak deċiż fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Publius Said**, dika L-Onorabbli Qorti tenniet hekk :- "Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena' u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, irrevokatha in kwantu kkundannat lil appellant ghal-xahar prigunerija u minflok ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), liema somma tigi kkonvertita f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih".

Illi anke fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Gafa**, deċiża fl-1 ta' Novembru 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkużat talli ma hallasx il-manteniment għall-ammont ta' erbgħa xhur bejn Awwissu 2009 u Novembru 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar priġunerija sospiżi għal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2,048). Mentri I-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk :-

*"Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafa ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini ta' l- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin euro (€2048) fi zmien tlett xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur tal-artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil- bqija".*

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' April 2025 l-akkuzat pprezenta rendikont tal-hlasijiet li saru minnu lil martu l-kwerelanti minn meta l-Qorti tat id-digriet taghha dwar l-mannteniment dovut lil Samantha Bray u uliedha u cioe 30 ta' Settembru 2019.

Rat ix-xhieda moghtija minn Samantha Bray nhar il-15 ta' April 2024 fejn kkonfermat li ghandha zewgt it-tfal minuri mill-appellant. Ikkonfermat li l-manteniment kien ghadu dovut. Tghid li kien ghad fadallha tiehu is-somma ta' sebat elef u hamsin euro (€7,050).

Rat id-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Lulju 2019 u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-appellant ghandu ihallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) kull xahar lill-appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-akkuza.

**Ikkunsidrat**.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament.[1]

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar** [2] kienet irriteniet testwalment hekk :-

> *"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (**Pol. vs. Lawrence Cutajar** [3]- u **Pul. vs. Carmelo Farrugia**[4] ) u wara li rat l-argumenti kolha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z)*

[1] Il-Pulizija v. Publius Said deciz fid-9 ta' Lulju 2003 Appell Kriminali
[2] 2 ta Settembru, 1999 Appell Kriminali
[3] 10 ta Marzu 1995 Appell Kriminali
[4] 23 ta Jannar 1998 Appell Kriminali

*………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."*

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Dik il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs. Mario Mallia</u>**[5] fejn ukoll gie ritenut :-

"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil- paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad=digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni

[5] 8 ta' Mejju 1998 Appell Kriminali

> ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "**Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia** [6] u l-**Pulizija v. Carmelo Farrugia**[7], Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**[8] fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta (**Pul. vs. Anthony Saliba**;[9]), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi wara li jottjeni tali modifika li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal- hlas skond l-ewwel Digriet.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car li kien hemm ordni mahruga mill-Qorti tal-Familja fejn l-appellant ghandu jhallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar lil Samantha Bray bhala manteniment ghaliha u ghaz zewg ulied in komuni. Mill-provi jirrizulta li l-appellant ma hux qed izomm ma din l-ordni u jghamel il-hlasijiet fiz-zmien u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan l-ammont huwa wihed ecessiv u ma jistax jonora dan l-obbligu impost fuqu mill-Qorti, liema ordni jghid inghatat fl-assenza tieghu. Illi l-appellant ma xehdx f'dawn il-procduri izda l-avukat difensur tieghu stqarrt li l-appellant qd ihallas l-arretrati kul xahar. Minn imkien ma jirrizult ali l-appellant ipprova jghamle xi haga sabeix ibiddel l-sitatus quo bhal jipprezenta rikors quddiem l-Qorti tal Familja fejn jitlob revoka jew varjazzjoni tad-digriet fuq imsemmi dok SB! Esebit fl-atti.

---

[6] 10 ta Marzu 1995 App. Krim.,
[7] 23 ta Jannar 1998 App. Krim.,
[8] 18 ta Settembru 2002 App. Krim.,
[9] 15 ta Lulju 1998 App. Krim.,

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' April 2025 l-akkuzat pprezenta rendikont tal- hlasijiet li saru minnu lil martu l-kwerelanti minn meta l-Qorti tat id-digriet taghha dwar l-mannteniment dovut lil Samantha Bray u uliedha u cioe mit- 30 ta' Settembru 2019.

Rat ix-xhieda moghtija minn Samantha Bray nhar il-15 ta' April 2024 fejn kkonfermat li ghandha zewgt it-tfal minuri mill-appellant. Ikkonfermat li l-manteniment indikat fil-komparixxi kien ghadu dovut. Tghid li kien ghad fadallha tiehu is-somma ta' sebat elef u hamsin euro (€7,050).

Rat id-digriet moghti mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Lulju 2019 u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li l-appellant ghandu ihallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) kull xahar lill-appellant.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-akkuza.

**Ikkunsidrat**.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta mtroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament.[10]

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar** [11] kienet irriteniet testwalment hekk :-

> *"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi* ***(Pol. vs. Lawrence Cutajar*** *[12]- u* ***Pul. vs. Carmelo Farrrugia****[13] ) u wara li rat l-argumenti kolha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta' manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art.*

[10] Il-Pulizija v. Publius Said deciz fid-9 ta' Lulju 2003 Appell Kriminali
[11] 2 ta Settembru, 1999 Appell Kriminali
[12] 10 ta Marzu 1995 Appell Kriminali
[13] 23 ta Jannar 1998 Appell Kriminali

*338(z) ………. kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jew dak l-ordni kien null . "*

*"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*

*1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*

*2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni , kellha tithallas is-somma ."*

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova , jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Dik il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **Il-Pulizija vs. Mario Mallia**[14] fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontravenzjonali fil- paragrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9 , hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad=digriet originali ; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla ( u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta' dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) l-ordni ghall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal- Kodici*

[14] 8 ta' Mejju 1998 Appell Kriminali

*Kriminali -- ara f'dan is-sens "**Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia** [15] u l-**Pulizija v. Carmelo Farrugia**[16], Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."*

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs, Alfred Camilleri**[17] fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta (**Pul. vs. Anthony Saliba**;[18]), fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi wara li jottjeni tali modifika li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal- hlas skond l-ewwel Digriet.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car li kien hemm ordni mahruga mill-Qorti tal-Familja fejn l-appellant ghandu jhallas is-somma ta' hames mitt euro (€500) fix-xahar lil Samantha Bray bhala manteniment ghaliha u ghaz zewg ulied in komuni. Mill-provi jirrizulta li l-appellant ma hux qed izomm ma din l-ordni u jghamel il-hlasijiet fiz-zmien u dan ghaliex fil-fehma tieghu dan l-ammont huwa wihed ecessiv u ma jistax jonora dan l-obbligu impost fuqu mill-Qorti, liema ordni jghid inghatat fl-assenza tieghu. Illi l-appellant ma xehdx f'dawn il-procduri izda l-avukat difensur tieghu stqarrt li l-appellant qed ihallas l-arretrati kul xahar u li kien hemm xi ftehim ta kif kellhom jithalsu dawn l-arretrati pero dan il-ftehim ma jinesbx esebit f'dawn l-atti u ghalhek din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta tali affermazzjoni maghmula mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu. Minn imkien ma jirrizulta li l-appellant ipprova jghamel xi haga sabiex ibiddel l-*istatus quo* bhal jipprezenta rikors quddiem l-Qorti tal

[15] 10 ta Marzu 1995 App. Krim.,
[16] 23 ta Jannar 1998 App. Krim.,
[17] 18 ta Settembru 2002 App. Krim.,
[18] 15 ta Lulju 1998 App. Krim.,

Familja fejn jitlob revoka jew varjazzjoni tad-digriet fuq imsemmi dok SB1 Esebit fl-atti.

In vista tax-xhieda moghtija minn Samantha Bray nhar il-15 ta' April 2024 li ma gietx kontradetta u in vista tad-digret tal-Qorti din il-Qorti tikkonkludi li l-akkuza li l-appellant ma hallasx l-manteniment dovut ghax xhur ta' Marzu sa Novembru 2022 tirrizulta provata u ghalhekk l-ewwel qorti kellha ragun fid-decisjoni taghha.

Dwar il-piena din il-Qorti tibda billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Omar Yusuuf Hodan</u>** [19] fejn ingħad hekk:

> *"Illi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali hu limitat għall piena erogata ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Jiġi ribadut li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx teżorbita mill-parametri tal-liġi jew ma tkunx manifestament waħda esaġerata. (Ara.* ***<u>"Ir Repubblika ta' Malta vs. David Vella</u>"*** *[14.6.1999], "****<u>Ir Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina</u>****" [24.4.2003] u oħrajn). Illi kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f'appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali."*

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha wkoll dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed</u>** [20] fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> *"10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament*

[19] Numru 231/2009

[20] Numru 386/2022

*eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** *deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:*

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the 5 591/2020/1 NC punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ

ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tvarja il-piena moghtija mill-ewwel qorti stante li din taqa' fil-parametri tal-ligi u ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkotanza minn meta inghtat is-entenza ta l-ewwel Qorti u konsegwentment qeda tikkonferma is-sentenza fit-totalita taghha inkluz ix-xahrejn detenzjoni.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**